KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 6/4/194/12

**Minuti tal-Laqgha Nru. 4 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tnejn 14 ta' ~~April~~ Mejju 2012. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Raymond Attard, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio u l-Kunsillier Tyrone Muscat.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima kien skuzat. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkun skuzat fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Is-Sindku ppressjeda din il-laqgha.

**1) Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 2 tas-Sitt Legislatura**

1.1 – Dawn il-minuti gew approvati mill-membri tal-Kunsill nem.com.

**Item 2 – Korrispondenza**

Is-Sindku ta spjegazzjoni ta' x'gara dwar il-korrispondenza.

Item 2.1 – Ittra minn Sciberras & Lia Advocates – Is-Sindku qal li dwar dan hadna l-parir tal-avukat tal-Kunsill, Dr.Luciano Busuttil u qal li jekk naghtu permess lil persuna wahda rridu naghtu permess lill-kulhadd. Wara diskussjoni, gie deciz li tintbaghat ittra lis-Sur Brincat biex jinforma lil kunsill ghal kemm zmien irid dan is-servizz temporanju.

Item 2.4 – Ittra mis-Sinjura Joan Degabriele u s-sur Furtu Caruana – Is-Sindku qal li dwar dan ircevejna ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u li d-Dipartiment qabel mad-decizjoni tal-Kunsill u li t-trasport ma nistghux nipprovduh. Hu kompla jghid li jekk hemm bzonn ntuhom l-ghajnuna waqt li jkun qed jinqala' l-bandli.

Is-Segretarju qal li ser jghid lill-Perit tal-Kunsill biex jaghmel rapport ta' dawn il-bandli ghall-*accountant* u jittiehdu xi ritratti wkoll.

Il-Kunsilliera Delezio qalet li ser tikkuntattja lis-Sinjura Degabriele u tiftiehem maghha. Is-Segretarju zied jghid li l-ahjar nghidu lis-Sinjura Degabriele biex tibghatilna r-ritratti ta' fejn ikunu twahhlu dawn il-bandli. Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

Item 2.5 – *Patching* fi Vjal it-28 ta' April 1958 (Benniena) – Is-Sindku qal li saret bicca minn din it-triq.

Saret diskussjoni wkoll dwar it-tarmak fi Triq il-Belt Valletta. Sar qbil li ssir *Reminder* dwar dan lil TM u l-Kunsillier Attard ppropona biex issir PQ ukoll u nibghatuha lil 5 Membri Parlamentari.

Is-Sindku ser jiehu hsieb li ssir din il-PQ.

Item 2.6 – Gurnata Kulturali gewwa Ragusa - Is-Sindku qal li din thassret ghax kienu organizzaw attivita' wkoll il-Hibs u bi qliegh u peress li tal-Kunsill kienet bla qliegh, hass li din ghandha tithassar.

Item 2.7 – ETC *Course* – Il-Kunsilliera Delezio spjegat kif sejrin il-korsijiet li qed jinghataw liz-zghazagh li qed isiru fil-*premises* l-antiki tal-kunsill. Hi kompliet tghid li l-korsijiet li jmiss ser isiru fit-30 ta' Mejju 2012 u fis-6 ta' Gunju 2012.

Saret diskussjoni dwar korsijiet tal-ETC li jinghataw b'xejn lil adulti minn 16-il sena 'l fuq. Il-Kunsilliera Delezio qalet li ser ticcekkja u ggib l-informazzjoni dwar dan.

Il-Kunsillier Muscat staqsa jekk hemmx kaxxi mizbugha ghal bejjiegha tal-monti. Is-Segretarju infoma li ma kienx hemm.

**Item 3 – Laqgha tal-Lokalita'**

Is-Segretarju ressaq il-Pjan ta' Hidma u dan ser jintbaghat bl-e-mail lill-Kunsilliera kollha.

**Minuti tal-Laqgha Urgenti Nru. 3 tas-Sitt Legislatura**

1.2 – Dawn il-minuti gew approvati mill-membri tal-Kunsill nem.com.

**2) Korrispondenza**

2.1 – **Triq il-Bacir il-Gdid –** Is-Sindku qal li rcevejna *e-mail* biex isir it-tarmak f'din it-triq. Hu kompla jghid li l-Kunsill m'ghandux fondi biex din it-triq tigi asfaltata.

2.2 – **Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita'** – Is-Sindku qal li tkellem mal-Kappillan ta' Lourdes biex issir rampa hdejn il-Knisja ghall-access minn persuni b'dizabilita' u qal li trid issir applikazzjoni dwar dan mal-MEPA.

2.21 – Is-Sindku qal li trid issir bicca bankina 'l barra.

2.22 – Il-Kunsillier Attard qal li flok niehdu parti mill-bankina, il-Kunsill Lokali Floriana ghamlu *platform lift* ghal *wheelchair* wiehed biss u li tkun idea tajba jekk nistaqsuhom x'jinvolvi bhala spejjes u wara dan, il-Kunsill jiddeciedi xi jsir. Hu zied jghid li bhala kunsill ghandha tintbaghat ittra lil KNPD fejn ninformawhom li l-Kunsill jaqbel li bi principju ghandu jkun hemm access ghall-persuni b'dizabilita'. Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

2.3 – ***Exhibition* mis-Sur Alfred Ellul Galea** – Is-Sindku qal li ser issir *exhibition* tal-Formula 1, tal-Mc laren mit-Tnejn 2 ta' Gunju sal-Hadd 8 ta' Gunju 2012 fis-sala tal-Kunsill Lokali Paola Is-Sindku qal li hu lest li jigi jiftah il-*premises* tal-kunsill meta tkun ser issir l-*exhibition*.

2.31 - Saret diskussjoni dwar jekk issirx bibita' ghal waqt din l-*exhibition*. Sar qbil li ssir bibita' minghajr ma tinvolvi spejjes ghal kunsill lokali Paola.

2.4 –**Un/loading fi Triq il-Qalb ta' Gesu** – Is-Sindku qal li bhala Sindku gdid hu gie avvicinat mir-residenti tat-Triq fuq dan il-kaz.

2.41 – Wara diskussjonijiet, sar qbil li nibghatu ittra lil TM u nitolbu biex issir laqgha mar-residenti u hwienet ta' din it-triq u ma' ufficjali ta' TM u mal-avukat tal-kunsill u biex il-laqgha ssir filghaxija minhabba r-residenti.

2.5 –Il-Kunsillier Muscat staqsa kif ser nibqghu fuq Triq Ninu Cremona minhabba li jghaddu t-trakkijiet minnha u jolqtu w jaghmlu hsara lill-gallarijiet tan-nies.

2.51 – Il-Kunsillier Attard qal li qed jigri l-istess haga fi Triq l-Arkata.

2.52 – Sar qbil li jintalab permess lil TM biex issir *height limitations*.

2.6 - **Korrispondenza mill-Kazini** – Is-Sindku qal li l-kunsill rcieva korrispondenza biex jithaffru t-toqob tal-festa.

2.61 – Il-Kunsillier Muscat qal li l-ahjar li nlaqqghu l-kumitati tal-kazini kollha biex naraw ezatt dan.

2.62 – Il-Kunsill qabel li minhabba li jridu jsiru xi toqob biex jintuzaw mill Kunsill waqt attivitajiet tieghu issir laqgha biex jaraw dawn ikunux tajbin ghal kazini wkoll.

**3) <u>Tender ESF (*adjudication*)</u>**

3.1 – Il-Kunsillier Attard spjega d-dettalji ta' dan il-Progett.

3.2 – Is-Sindku qal li ghandu jigi accettat it-tender ta' Chris Pullicino.

3.3 – Il-membri tal-Kunsill approvaw.

**4) *Project Me 2 (an EU project for disabled persons)***

4.1 – Is-Sindku spjega d-dettalji ta' dan il-progett.

4.2 – Il-Kunsill approva li jippartecipa.

**5) *EU Funds Travelling***

5.1 – Is-Sindku qal li hu, il-Kunsillier Axisa u s-Segretarju ser isiefru f'Mejju 2012 biex isir l-iffirmar tal-kuntratt tal-Progett *At Fort*.

5.2 – Lund – Il-Kunsillier Attard, il-Konsulent Borg u is-Segretarju, ser jattendu.

5.3 – Is-Sindku qal li bhala kunsill, aktar 'l quddiem niddeciedu min ser isiefer f'Ottubru u Novembru 2012.

5.4 – Is-Sindku kompla jghid li jixtieq jaghmel sistema ghal *per diem*, jixtieq *ruling* biex dawn jigu approvati mill-ewwel. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

**6) Xiri ta' *Projector***

6.1 – Is-Sindku qal li kien hemm *misunderstanding* ghax ngiebu *quotations* ghal *overhead projector* u mhux *screen projector* u li ser jergghu jingiebu l-*quotations* mill-gdid.

6.2 – Is-Sindku qal li ser jingiebu *quotations* biex jinxtraw xi siggijiet. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

**7) *Briefing* Kunsill Lokali Zghazagh**

7.1 – Il-Kunsillier Axisa ta' spjegazzjoni dwar il-Kunsill Lokali taz-Zghazagh. Hu qal li s-Sinjorina Steph hija mqabbda mill-Agenzija Zghazagh biex tiehu hsieb dan il-grupp.

7.2 – Hu kompla jghid li dawn jiltaqghu fil-*premises* tal-Kunsill Lokali Paola u qal li l-Kunsill ser jghin biex jibghat xi applikazzjonijiet.

7.3 – Hu zied jghid ukoll li l-ghan ta' dan il-grupp hu li kemm jista' jkun nzommu liz-zghazagh attivi fil-Kunsill taz-Zghazagh.

**8) Attivita' MCAST**

8.1 – Il-Kunsillier Axisa qal li hu kellu laqgha ma' xi persuni mill-MCAST biex issir attivita' minn xi studenti li qed jaghmlu korsijiet fl-MCAST u li din l-attivita' tikkonsisti f'*demonstrations* u li bhala ghajnuna l-Kunsill jista' joffri l-*premises* w affarijiet ohra.

8.2 – Hu zied jghid lis-segreterija biex tiehu hsieb x'hemm bzonn fil-kunsill ghal din l-attivita' u li huma pproponew li din l-attivita' ssir fit-23 ta' Mejju 2012 filghodu fis-sala tal-kunsill.

8.3 – Is-Sindku qal li fid-data msemmija, hu ser ikun qed jattendi ghal-laqgha tas-Sindki u l-Vici-Sindki.

8.4 – Il-Kunsillier Axisa kompla jghid li bhala attivita' nipproponu li ssir fl-ahhar gimgha ta' Mejju 2012.

8.5 – Il-Membri tal-Kunsill approvaw 100 euro ghal din l-attivita'.

## 9) Pjazza MEPA Permit

9.1 – Is-Sindku qal li nhar il-Gimgha 18 ta' Mejju 2012, ser ikun hemm il-permess tal-Pjazza Antoine De Paule jekk hux approvat jew le.

9.2 – Wara diskussjoni, sar qbil li jekk il-permess jigi approvat, il-Kunsill Lokali Paola jaghmel *Press Release* u *Press Conference* l-ghada s-Sibt 19 ta' Mejju 2012 u li din il-*press release* ser tigi ccirkolata minn qabel lill-Kunsilliera ghall-informazzjoni taghhom.

## 10) *Business Meeting*

10.1 – Is-Sindku qal li hemm hsieb li jsir *Business Meeting* nhar it-Tnejn 9 ta' Gunju 2012 fid-9.30am ghall-kuntratturi kollha tal-Kunsill Lokali Paola, l-ghaqdiet kollha, pulizija, gwardjani lokali w il-kappillani.

10.2 – Il-Kunsillier Lynch ser jiehu hsieb din l-organizazzjoni.

## 11) *New Furnishings*

11.1 – Is-Sindku qal li kellu lment biex fil-*Public Convenience* tal-Pjazza Antoine De Paule jsiru *coat-hangers*. Il-Membri approvaw.

11.2 – Is-Sindku qal li hemm bzonn tinxtara *noticeboard* biex titwahhal fi Pjazza Antoine De Paule, il-post fejn jikkomunikah aktar tard.

11.3 – Il-Kunsillier Attard qal li l-ewwel irid jinhareg il-permess tal-MEPA u li hu jaqbel sakemm jinhargu l-permessi kollha necessarji.

11.4 – Is-Sindku qal li hemm bzonn jinxtraw 2 tabelli ghal meta jkun ghaddej ix-xoghol mill-Kunsill Lokali Paola b'dan il-kliem "Dan hu progett li qed isir mill-Kunsill Lokali Paola, niskuzaw ruhna ghall kull inkonvenjent. Grazzi". Hu qal ukoll li ghandhom jingiebu 3 kwotazzjonijiet.

11.5 – Is-Sindku qal li ser jinxtraw *purchase books* godda ghal mod ta' kif jinxtraw l-affarijiet. Is-Segretarju talab *specimen* biex ikellem l-*accountant* dwar dan.

11.6 – Is-Sindku qal li trid issir mera gdida fi Triq l-Arkata c/w Triq il-Gdida, u ohra fi Triq il-Belt Valletta kif tohrog minn Triq St.Ubaldeska.

11.7 – Il-Kunsillier Attard qal li rridu ngibu permess mit-TM dwar dan kollu.

11.8 – Il-membri tal-Kunsill approvaw li jingiebu 3 kwotazzjonijiet.

11.9 – Is-Sindku qal li kien hemm proposta biex titnehha l-*camera* ta' Pjazza Antoine De Paule biex titressaq fil-kumitat tar-Regjun. Huwa ghandu jressaq din il-mozzjoni fir-Regjun.

11.10 – Il-Kunsillier Attard ippropona li titnehha l-camera li hemm fil-pjazza u ssir flok dik li hemm St.Ubaldeska biex b'hekk hemmhekk ikun protegut.

**12) <u>PPP Scheme *(briefing)*</u>**

12.1 – Is-Sindku qal li dan it-tender diga' nhareg, u dan it-tender hu approvat u aggudikat. Hu qal ukoll li rcevejna e-mails dwar dan minghand Ivan Mifsud mill-WSC.

12.2 – Il-Kunsillier Attard qal li ser jitkellem mal-*accountant* tal-kunsill.

**13) <u>Pagamenti</u>**

13.1 – Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-ammont ta' 60, 019.59 euro.

13.2 – Saret diskussjoni rigward il-pagi tal-haddiema u gie deciz li dan il-kunsill jibqa' jimxi fuq il-parametri tal-kunsill precedenti, anke rigward l-*overtime* fejn sa 20 siegha o/t kull haddiem ghandha tkun approvata mis-Sindku u Segretarju, aktar minn hekk irid japprova l-kunsill minn qabel.

13.3 - Il-Kunsillier Attard qal li hu mhux ser japprova dawn il-pagamenti, u ghalhekk qed jastjeni ghax dawk mhux il-pagamenti kollha sa dik id-data kif imnizzel fuq il-karta tal-pagamenti.

13.4 - Sar qbil li l-pagamenti jigu diskussi f'laqgha ohra.

13.5 – Sar qbil li ser issir tkomplija tal-laqgha nhar l-Erbgha 16 ta' Mejju 2012 fil-5.30pm.

Approvati llum 11/6/2012.

Kevin Borg — Segretarju

Roderick Spiteri — Sindku